MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KEVIN MOMPALAO

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 35/2013

Joseph Bajada u martu Lorita Bajada.
Vs
Joseph Camilleri u b'digriet tat-22 ta' Ottubru 2013 giet kjamata fil-kawza Mary Rose Camilleri.

**It-Tribunal**

Ra l-avviz li permezz tieghu l-atturi talbu li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lir-rikorrenti is-somma ta' elf u seba' mitt ewro (€1700) jew somma verjuri dovuti f'arretrati ta' kera tal-mahzen bla isem u bla numru formanti parti mill-korp Jolor Court, Triq Gdida fi triq is-7 ta' Gunju 1919, Rabat, Ghawdex, hlas ta' penali skond il-ftehim tal-31 ta' Lulju 2012 u kontijiet tas-servizzi li ma thallsux. Dan bl-ispejjes kollha kif imsemmi fl-avviz.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha huwa issenjala l-htiega tal-kjamata fil-kawza ta' martu Mary Rose Camilleri; kif ukoll oppona t-talba attrici, billi skond hu l-kera kienet kollha mhallsa; hu kien mitlub johrog mill-kirja qabel tmiemha; s-servizzi jinsabu mhallsa kollha; u mhux dovuti penali ghaliex huwa hareg mill-fond meta mitlub.

Ra d-digriet tiegħu tat-22 ta' Novembru 2013 li permezz tiegħu giet kjamata in kawza Mary Rose Camilleri.

Ra r-riposta tal-kjamta in kawza  fejn eccepiet illi (1) ma kienx hemm il-htiega tal-kjamata in kawza (2) illi l-pusess tal-fond mikri kien ghand zewgha li kien jiehu hsieb il-hlasijiet u ghalhekk ma hix edotta mill-fatti (3) illi d-domandi attrici huma ghalhekk infondati fid-dritt u fil-fatt.

Ra d-dokumenti kollha esebiti mill-partijiet.

Sema' x-xhieda kollha mressqa mill-partijiet. Ikkonstata dak li rrizulta minn l-access mizmum.

Ra d-digrieti kollha tieghu inkluz dak tas-seduta tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) li permezz tieghu din l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidra.

Illi l-attur xhed kemm permezz ta' affidavit kif ukoll viva voce. Huwa qatt ma gie kontro-ezaminat, u dan il-fatt qed jittiehed ukoll in konsiderazzjoni.

Dwar il-kontijiet tas-servizzi l-atturi producew b'xhud taghhom lil Angelita Grech rapprezentant ta' Arms Limited li xhedet li l-ahhar kont imhallas kien ta' € 891.39. Izda l-attur fl-affidavit tieghu jghid illi s-somma li ghandu jiehu in lineja tal-hlas tas-servizzi hija ta' € 500. Ara wkoll l-ittra ufficcjali li precidiet din il-kawza. Ghalhekk it-tribunal ser jimxi fuq dan l-ahhar ammont. Imkien ma ingabet xi prova mill-konvenut jew kjamat in kawza li dan l-ammont thallas. Il-konvenut allega illi f'xi zmien l-attur kien ta xi dawl ghal xi konstruzzjoni li kienet qed issir fil-blokka. Izda prova ta' meta sar dan; kif sar dan u kemm kien l-ammont ma ngabitx. Fin-nuqqas ta' din il-prova, bl-unika prova tkun wahda indiretta li f'xi zmien intalab xi dawl ghal bini tal-penthouse; dak li qed jghid il-konvenut ma jistax jigi kkunsidrat u ghalhekk it-talba ghal € 500 - kont tas-servizzi ser tigi akkolta in toto. Dan anke fid-dawl tal-fat illi l-attur qatt ma gie kontroezaminat fuq din il-haga.

Dwar l-arrettrati ta' kera, l-attur jikkonferma fl-affidavit tieghu illi hu fadallu jiehu € 500 f'arrettrati. L-attur qatt ma gie kontratadett b'xi provi ghal din it-talba tieghu li ghalhekk dan it-tribunal koll jemmen li ghandha tigi akolta.

Dwar il-penali jirrizulta bic-car illi l-partijiet itterminaw l-kirja bi skrittura li kienet timporta l-penali ta' mitt ewro ghal kuljum wara dd-ata tat-terminazzjoni. Il-ftehim kien car. U l-partijiet kienu jafu bih. Jirrizulta illi l-konvenut dam erbat ijiem fuq id-data stipulata sabeix ghadda c-cwievet tal-fond. Huwa jghid illi zammhom ghandu minhabba it-tqattiegh tal-gabbana. It-tribunal mhux moralment konvint mil-veracita ta' din l-iskuzanti u wisq jemmen illi r-raguni vera kienet apatija jew traskuragni min naha tal-konvenut, li jidher li mill-bidu nett ma hax din il-klawsola penali bis-serjeta

(ara xhieda ta' l-attur). Izda dan it-tribunal josserva illi l-ammont ta' jiem li fihom l-konvenut dam fl-okkupazzjoni kien biss ta' erbat ijiem. Il-klawsola penali hija hemm aktar sabiex isservi ta' deterrent ghal inkwilin sabeix ma jibqax zmien twil fl-okkupazzjoni illegali. It-tribunal jemmen illi f'dan ir-rigward ghandha tapplika ir-regola illi de minimis non curat praetor; u l-konvenut ghandu jkun ezonerat minn li jhallas dawn il-penali ghal erbat ijiem. Ghandu jhallas pero kumpens xieraq ghal l-okkupazzjoni ta' dawk l-erbat ijiem li b'mod ekwitattiv dan it-tribunal qed jillikwida fl-ammont ta' mitt Ewro (€ 100)

Dwar il-kjamata in kawza dan it-tribunal jifhem illi galadarba l-obbligazzjoni kienet wahda solidali l-attur seta jfittex lil min irid. Ma kienx hemm bzonn ta' bilfors l-prezenza tal-kjamata in kawza, ghal l-integrita tal-gudizzju. Il-konvenut ikkundannat dejjem kellu rimedju kontra martu fil-kwistjonijiet ta' likwidazzjoni tal-kommunnjoni ta' l-akkwisti li ghaddejja bejniethom. Ghalhekk ghalkemm dan it-tribunal sejjer jikkundanna lil kjamata in kawza u dan ghal l-ekonomija tal-gudizzju, l-ispejjes ser jallokham lil konvenut.

Dan it-tribunal jemmen illi dak li wassal ghal din il-kwistjoni sehh kollu tort u htija tal-konvenut li ghalhekk ser jigi allokat l-ispejjes kollha.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' in parti t-talbiet ta' l-atturi, jirrigetta l-eccezzjonijiet moghtija, jikkundanna lill-konvenut u lil kjamta in kawza, flimkien u solidament bejniethom ihallsu is-somma ta' elf u mitt Ewro (€1100), bl-imghax mid-data ta' l-ittra ufficcjali tal-11 ta' Dicembru 2012 il-quddiem. L-ispejjes kollha inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali u mandat imsemmija fl-avviz ikun a kariku tal-konvenut Joseph Camilleri.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------